MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 2761/1999/2

**AB**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fid-19 ta’ Frar 1987.

Peress illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal E li ghandu disa’ snin u D li ghandu sitt snin.

Peress illi tul il-kors taz-zwieg il-konvenut irrenda ruhu hati ta’ adulterju ma’ diversi persuni u anki kien hati ta’ eccessi, sevizzi, minaccji u ingurji gravi kontra l-attrici u peress ukoll li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U peress illi l-attrici ottjeniet d-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi b' din l-istanza.

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet da parti tal-konvenut u senjatament adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kontra l-attrici u inoltre peress li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

2. Ghaliex il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri E u D m' ghandhiex tigi fdata lill-attrici;

3. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas manteniment xieraq ghaliha u ghaz-zewgt itfal minuri;

4. Tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti ta' bejn il-kontendenti, tillikwidaha u taqsamha f' zewg porzjonijiet b' mod li jkunu kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

5. Ghaliex m' ghandux jigi nominat nutar pubbliku biex jircievi l-att ta' divizjoni tal-proprjeta' immobbli opportun, kif ukoll kuraturi, biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

6. Ghaliex il-konvenut m' ghandux jigi ddikjarat ukoll li ddekada minn dawk id-drittijiet l-ohra kollha kif kontemplati fl-Artikolu 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati u l-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, li tibqa' wkoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li permezz taghha l-konvenut eccepixxa hekk:

Preliminarjament, in-nullita' tac-citazzjoni peress illi l-awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla ta' din l-Onorabbli Qorti kienet inghatat fid-19 ta' Ottubru 1999 u ghalhekk id-digriet skada xaharejn wara, jigifieri fit-18 ta' Dicembru 1999. Il-fatt li b' digriet iehor tal-24 ta' Jannar 2000 gie "prorogat" digriet li kien gja skada u ma baqax fis-sehh, ma jissanax dan id-difett baziljari ta' procedura. Proroga trid issir qabel ma jaghlaq it-terminu.

Preliminarjament, illi l-manteniment ghandu jigi ffissat "a novo" stante li d-digriet tad-19 ta' Ottubru 1999 kien skada, u gie "mgedded" wara li l-effetti tieghu kienu gja spiccaw definittivament.

Fil-meritu, iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment, izda dan tort ta' l-imgieba hazina ta' l-attrici u mhux tort tal-konvenut eccipjent. L-akkuza ta' adulterju maghmula fil-konfront tieghu, jekk ma tigix ppruvata (kif certament mhix ser tigi ppruvata stante li ma ezista l-ebda adulterju) tikkostitwixxi fiha nnifisha ingurja gravi. Lanqas ma ezistew sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti ta' l-eccipjent.

Illi l-kura u l-kustodja ta' E u D ghandha tigi fdata lill-eccipjent, li hu ferm aktar idonju biex jigi fdat bit-trobbija u kura ta' E u D mill-attrici, kif jista' jikkonferma l-Psikjatra Dr. John Mifsud. It-tfal m' humiex qeghdin sew ma' l-attrici, filwaqt li x-xoghol ta' l-eccipjent (radio control ta' taxi service) jippermettilu jahdem 'flexible hours' u minn kullimkien bil-mezzi moderni ta' telekomunikazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lit-tifel minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti l-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll, sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu, il-konvenut jichad dak imputat lilu mill-attrici, u jattribwixxi t-tkisser irrimedjabbli taz-zwieg taghhom “tort ta’ l-imgieba hazina ta’ l-attrici.”[1]

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Ingliza, izzewget lill-konvenut, cittadin Malti, fis-19 ta’ Frar 1987. Minn dan iz-zwieg, il-partijiet ghandhom zewgt itfal, E u D, li twieldu rispettivament fit-2 ta’ April 1990 u fl-1 ta’ Marzu 1993.
Wara konvivenza ta circa tnax [12] – il sena, il-partijiet isseparaw de facto.

*Verzjoni Attrici*

Fis-succint il-verzjoni attrici hi fis-sens li matul il-konvivenza matrimonjali l-attrici kienet soggetta ghal komportament abbuziv da parti ta’ zewgha. Tghid li dan kien xhih maghha, nonostante li hi kienet tiehu parti attiva fin-negozju part-time li kien gestit minnhom mid-dar, u nonostante li kien igieghla toqghod id-dar il-hin kollu ghal dan l-iskop. Tghid li zewgha kien dominanti, u ried jikkontrolla kollox, anke lilha. Hu kien jitrattaha bhala skjava tieghu u jgieghlha taghmel dak li ried hu; u peress li hi kienet tibza’ minnu, kienet tissottometti ruhha ghar-rieda tieghu. Tghid li zewgha kien jinsulentaha u jumiljaha anke quddiem in-nies. Minhabba f’ hekk, l-attrici tghid li l-hajja matrimonjali taghha mal-konvenut kienet wahda ta’ tensjoni kontinwa, partikolarment minhabba x-xehha li kien juri l-konvenut maghha. Tghid li din is-sitwazzjoni nfelici taghha fiz-zwieg waslitha sabiex titlob is-separazzjoni minn ma’ zewgha, u sussegwentement titlaq mid-dar konjugali.

[1] Vol.1 – fol.21

L-attrici tirrakkonta illi, anke meta hi telqet mid-dar konjugali, il-konvenut kien baqa’ jsegwi l-passi taghha kull fejn tmur, u li, meta kienet issib xoghol, il-komportament vessatorju tieghu kien tali, li x-xoghol taghha kien jigi terminat. Dawn ic-cirkostanzi kienu ta’ ostakolu serju sabiex l-attrici ssib impieg full time u tkun tista’ tmantni lilha nnifisha.

L-attrici tinnega li hi qatt kellha problema tax-xorb, u wkoll tinnega li matul il-konvivenza hija kienet tiffrekwenta rgiel ohra jew postijiet tax-xorb.

Izda fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, moghtija fl-14 ta’ Marzu 2006, hija ammettiet li kienet tghix ma’ ragel iehor f’ appartament li tieghu hi kienet thallas il-kera, filwaqt li dan ir-ragel ma kien ihallas xejn. Ghall-mistoqsija “Does he share the expenses of the apartment ?” l-attrici tirrispondi: “No, everything is done on my own.”[2] u dan nonostante li dan ir-ragel jahdem.

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut jghid li hu kien jahdem sieghat twal sabiex il-familja tieghu tkun tista’ tghix fil-kumdita’. Huwa kien impjegat mal-gvern bhala senior tradesman, u fl-istess hin, kien jiggestixxi, bl-ghajnuna ta’ martu, negozju ta’ kiri ta’ karrozzi. Jghid li l-konvivenza matrimonjali kienet wahda felici ghat-tnejn, u l-partijiet kienu kuntenti flimkien sa’ Awissu 1999 meta, skond hu, l-attrici bdiet taghmilha ma’ certu hbieb li kienu qed jinfluwenzawha negattivament.

Minn dan iz-zmien ‘il quddiem l-attrici kienet bdiet titraskura l-facendi tad-dar, ma ssajjarx, u kienet tohrog barra u tidhol fis-sieghat bikrin ta’ filghodu. Dan beda jkollu effett negattiv fuq it-tfal taghhom. Jghid li “id-dar taghna kienet saret dizorganizzata u Alanqas biss kienet baqghet issajjar; anzi kienet tigi d-dar, thammeg u titlaq. <u>Dan kienet taghmlu qisha bhala vendetta</u>.”[3]

[2] Vol.3 – fol.472
[3] Vol.2 – fol.428 - sottolinear tal-qorti

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti tosserva li, filwaqt li l-attrici ressqet provi in sostenn ta' diversi aspetti tal-verzjoni taghha[4], il-konvenut strah fuq dak li qal fl-affidavit tieghu; u din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi kif jirrizultaw mill-process hija fil-pozizzjoni li taghmel is-segwenti osservazzjonijiet fattwali.

Illi jirrizulta nkontestat, u anke sostnut mix-xhieda prodotti mill-attrici, li l-karattru dominanti u ripressiv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici matul il-konvivenza matrimonjali kien tali li kien irrenda nfelici l-hajja matrimonjali ta' l-attrici. Huwa minnu li l-konvenut, anke bl-ghajnuna ta' martu, kien jaghmel xoghol part-time, sabiex itejjeb il-pozizzjoni finanzjarja tal-familja, izda mill-banda l-ohra, il-komportament tieghu fil-konfront taghha kien wiehed abbuziv u tali li jinkwadra ruhu fit-terminu ta' 'sevizzi' skond l-artikolu 40 Kap.16, ghax kien tal-grad li rrenda difficli u nsapportabbli ghall-attrici l-konvivenza bejniethom.

Illi kien f' dan il-kuntest li minn Awissu 1999 l-attrici kienet qed tersaq aktar vicin lejn il-hbieb taghha u kienet bdiet it-triq tas-separazzjoni. Fil-frattemp pero' hija abbandunat il-facendi tad-dar, kif ukoll lill-konvenut, sakemm eventwalment marret tghix ghal rasha. Jidher li f' dan l-istadju l-istil ta' hajja ta' l-attrici nbidel u kienet bdiet tiffrekwenta hwienet tax-xorb, anke sabiex issib mezz ta' introju. Eventwalment hija ammettiet li kienet qeda tghix ma' ragel iehor fl-appartament mikri minnha u li tieghu kienet thallas l-ispejjez kollha hi.

Il-Qorti tosserva li dan il-komportament ta' l-attrici kkontirbwixxa sabiex iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Barra minnhekk, ghalkemm fic-citazzjoni taghha hija takkuza lill-zewgha b' "adulterju ma' diversi nies" hija ma gabet <u>ebda prova</u> f' dan ir-rigward; u ghalhekk, din l-allegazzjoni, fiha nnifisha, tikkostitwixxi ngurja gravi da taghha fil-konfront ta' zewgha l-konvenut.

[4] Vol.1 fol. 163 u fol.189 – et seq.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u dana tort taz-zewg partijiet, fit-termini ta' l-artikolu 40 da parti tal-konvenut, u fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 da parti ta' l-istess attrici. Dan, fil-fehema tal-Qorti ghandu jattira fil-konfront taz-zewg partijiet, l-applikazzjoni fl-intier tieghu tad-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap. precitat.

**Manteniment**

Illi, inizjalment, meta l-partjiet kienu ghadhom jghixu flimkien, is-Sekond Awla tal-Qorti Civili kienet fdat il-kura u kustodja taz-zewg ulied minuri lill-attrici, u ordna li l-konvenut jhallas lilha is-somma ta' €105 [ekwivalenti ghal LM45] fil-gimgha bhala manteniment ghaliha, u €47 [ekwivalenti ghal LM20] ulterjuri fil-gimgha bhala manteniment ghat-tfal.

Sussegwentement, meta l-attrici kienet telqet mid-dar konjugali, il-Prim Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet moghti fil-31 ta' Dicembru 2001 kienet fdata il-kura tat-tfal lill-missier, bl-access ghall-attrici, u l-kustodja kongunta bejn il-partijiet. B' digriet ulterjuri fid-29 ta' Lulju 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, rriduciet il-manteniment ghall-attrici ghal €82 [ekwivalenti ghal LM35] fil-gimgha, filwaqt li ikkonfermat id-digriet precedenti ghall-kumplament.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2003 il-partijiet kienu kwazi waslu ghall-transazzjoni fuq proposta ta' l-attrici li hi kienet "lesta li tirrinunzja ghall-manteneiment u l-komunjoni tigi xolta u kollox jigi assenjat lill-konvenut, u li l-kura u kustodja tigi f' idejn il-konvenut bi dritt ta' access ghall-attrici."[5] Il-konvenuta accetta, "hlief li kull access isir b' supervizjoni." Tant il-partijiet kienu vicin ghat-transazzjoni li l-kawza kienet giet differita sine die fis-seduta sussegwenti li ghaliha kien hemm prezenti l-partijiet u d-difensuri taghhom. Sfortunatament it-transazzjoni ma gietx finalizzata, u l-partijiet komplew bis-smigh tal-kawza.

[5] Vol.1 – fol.198

Fis-seduta li nzammet fl-24 ta' Gunju 2002 quddiem l-Assistent Gudizzjarju l-partijiet iddikjaraw li kienu "qeghdin jaqblu li fil-prezent il-kura u kustodja tal-minuri E u D,ahwa B hija kongunta, izda l-kura hija esklussiva ghall-konvenut."[6]

Illi permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu 2006, l-attrici kienet giet ordnata li tikkontribwixxi ghall-manteniment taz-zewg ulied minuri li kienu fil-kura tal-missier, fl-ammont ta' €58 [ekwivalenti ghal LM25] fix-xahar.

Illi l-attrici tghid li tul il-proceduri hija ma kinitx kapaci ssib xoghol stabbli peress li l-konvenut kien isegwiha kontinwament u jaghmillha bsaten fir-roti. Hija tghid li, peress li l-manteniment taghha thallas mill-konvenut, biss fl-ewwel sitt xhur, hija ma kellhiex xelta ohra ghajr li tipprova ssib impieg. Eventwalment, irrizulta, mix-xhieda ta' ufficjal tad-dipartiment tal-ETC li fis-sena 2006 l-attrici kienet inqabdet tahdem minghajr ktieb tax-xoghol, u s-sitwazzjoni taghha giet regolarizzata billi din giet registrata bhala mpjegata part-time. Kien f'dan il-kuntest li nhareg id-digriet precedenti fis-17 ta' Marzu 2006.

Minn naha tieghu l-konvenut jghid li, meta t-tfal gew fil-kura tieghu, l-introjtu tieghu naqaslu, kemm minhabba ragunijiet medici [li taghhom ma gabx provi], kif ukoll minhabba l-fatt li kien kostrett li jnaqqas is-sieghat tax-xoghol tieghu biex ikollu aktar hin ghat-tfal. Jghid li, nonostante li, skond hu, l-attrici kienet baqghet tahdem meta telqet mid-dar, l-ispejjez kollha in konnessjoni mal-minuri dejjem thallsu minnu; filwaqt li l-attrici kienet tikkontirbwixxi ftit li xejn, lanqas meta hekk ordnata bid-digriet precitat.

Kunsidrat il-premess, il-konvenut jghid li huwa seta' jkampa u jrabbi lit-tfal wahdu, bl-ghajnuna tal-genituri tieghu li, skond hu, kienu ghaddewlu €46,587 [ekwivalenti ghal LM20,000] ghal dan il-ghan, u dan peress li ma kienx qed jahdem. Huwa ghalhekk qed jitlob li l-attrici li, bhala

[6] Vol.2 fol.266

genitur ghandha dejjem l-obbligu li tikkontribwixxu ghall-manteniment ta' uliedhom minuri, ghandha tirrifondilu s-somma ta' €35,406 [ekwivalenti ghal LM15,200], peress li issa qed tahdem, u anke tghix ma' ragel iehor.

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tosserva [1] li l-konvenut ma gab ebda prova tal-fatt allegat minnu li gew "mghoddija" flus lilu minn missieru biex jghinu fl-ispejjez tat-trobbija ta' ulied il-partijiet u lanqas ta' l-ammont fuq indikat; u noltre ma rrizultax li dawn il-flus kienu gew mislufa lilu; [2] li ma ngabet ebda prova li qabel is-sena 2006 l-attrici kienet tahdem bi qligh; [3] li, ghajr ghall-ewwel sitt xhur, il-konvenut naqas milli jhallas lill-attrici l-manteniment ghaliha kif ordnat mill-Qorti; [4] li l-konvenut baqa' jzomm l-introjtu kollu percepit mill-gestjoni kumpanija TJB Holdings Ltd li giet imwaqqfa matul iz-zwieg, u li, matul il-konvivenza matrimonjali, kienet gestita minnu bl-ghajnuna attiva u kontinwa ta' l-attrici; u allura nofs da l-introju kien ta' l-attrici; u finalment, [5] li l-attrici ddikjarat li hi lesta li tirrinunzja ghal sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti li, kif ser jigi osservat aktar il-quddiem, tinkludi negozzju avvjat tal-imsemmija kumpanija.

Illi, ghalhekk, tenut kont tal-premess, il-Qorti hija tal-fehema li l-konvenut mghandux jghaddi manteniment lill-attrici ghaliha, kemm ghax hi tahdem kif ukoll ghax anke hi hija hatja tas-separazzjoni personali; mill-banda l-ohra, u ghar-ragunijiet indikati fil-paragrafu precedenti, it-talba tal-konvenut sabiex l-attrici thallsu manteniment arretrat ma timmeritax li tigi milqghua.

**Kura u Kustodja**

Illi dan l-aspett tal-kawza, kien wiehed kombattut ghall-ahhar bejn il-partijiet, ghax, filwaqt li l-attrici riedet tibqa' zzomm il-kuntatt ma' uliedha, allura t-tnejn minorenni, jidher li biz-zmien dan il-kuntatt beda jonqos u beda jsir aktar difficli, sa tal-grad li, it-tifel E kien spicca jirrifjuta li jmur ghand ommu ghall-access; u biz-zmien il-minuri D kien gie fl-istess sitwazzjoni.

L-attrici tattribwixxi dan lill-konvenut li, skond hi, kien jghawwihom kontinwament kontra taghha biex

ibieghdhom minnha, u dan b' success, stante li E ghal hafna zmien kien baqa' jirrifjuta li jara lil ommu. Tghid li llum il-gurnata, li E sar maggjorenni, rega' beda jaghmel kuntatt ma' ommu, liema fatt ma giex negat mill-konvenut. Dan il-fatt, fil-fehema tal-Qorti, jaghti certu kredibilita' lit-tezi attrici li hi fis-sens li missierhom ma kienx ihalli lit-tfal tieghu jaraw lil ommhom.

Illum it-tifel D, li ghandu circa sittax [16]-il sena, jinsab fl-istess pozizzjoni li kien E qabel ma' sar maggjorenni, u ilu ghal certu zmien ma jkollu kuntatt ma' ommu.

Fid-dawl tal-premess, u tenut kont ta' l-interessi tat-tifel D, il-Qorti tafda lill-istess fil-kura u kustodja tal-missier, b' access liberu favur l-omm; liema access, pero' in vista ta' l-eta' tal-minuri, ghandu jkun konkordat bejnu u bejn ommu. Il-Qorti tispera li, hekk kif E irrealizza l-importanza li jkollu relazzjoni ma' ommu, irrispettivament mill-komportament tal-partjiet fil-konfront ta' xulxin, hekk D, biz-zmien jirrealizza dan il-fatt u bhal huh, jirrijstabbilixxi relazzjoni ma' ommu. Decizjonijiet rigwardanti dan il-minuri, u li huma ta' certu mportanza, ghandhom jittiehdu mill-partijiet konguntivament, jew bl-intervent tal-Qorti.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-uniku assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti hija s-socjeta' fuq indikata bl-isem ta' TJB Holdings Limited registrata fis-27 ta' Dicembru 1994 u li l-konvenut kien jiggestixxi bhala part-time, bl-ghajnuna attiva u kontinwa ta' l-attrici li, kienet wahda mid-diretturi taghha sakemm din il-kariga taghha giet terminata fit-3 ta' Awissu 1999, cioe' meta l-attrici bdiet titlob is-separazzjoni. Ghalhekk sallum, l-attrici ghad ghandha nofs is-sehem tal-konvenut f' din il-kumpanija, kif ukoll hija ntitolata ghal nofs il-qligh maghmul minnha mid-data li fiha telqet mid-dar konjugali sallum.

Minn naha taghha, pero' l-attrici tghid, kif ilha tghid tul dawn il-proceduri, li hi lesta li tirrinunzja ghal sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti basta jkollha access ghal uliedha.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, u tenut kont tal-fatt li l-attrici mhux ser thallas manteniment ghal uliedha, la arretrat u lanqas futur, din il-qorti qed tassenja lill-konvenut s-sehem ta’ l-attrici fl-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, b’ mod li allura il-konvenut ikollu l-proprjeta’ intiera tas-sehem tieghu fil-kumpanija fuq indikata. Minn naha tieghu, il-konvenut qed jassumi kull dejn tal-komunjoni.

**Eccezzjoni preliminari**
In fine jigi osservat li l-konvenut ma segwiex l-ewwel eccezzjoni tieghu, u lanqas tratta fuqha fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu. Barra minnhekk, il-Qorti thoss li d-digriet sussegwenti ssana l-pozizzjoni legali f’ dan ir-rigward.

Inoltre, il-Qorti, tosserva li anke mill-komportament tal-partijiet li matul dawn il-proceduri, ta’ certu durata, ffokaw <u>biss</u> fuq il-meritu tal-kaz, u cioe’ s-separazzjoni, hija tal-fehema li l-konvenut implicitament wera li m’ghadux interessat fl-eccezzjoni tan-nullita’ sollevata minnu, izda huwa wisq aktar interessat fil-konkluzjoni darba ghal dejjem tas-separazzjoni personali kif regolata mill-Qorti.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba, limitatament, u fis-sens, li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija taz-zewg partijiet;
[2] tichad it-tieni talba, u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri D tigi regolata kif fuq ordnat u stabbilit fis-sezzjoni ntestata “Kura u Kustodja”;

[3] tichad it-tielet talba in vista dak ordnat u stabbilt fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;

[4] tilqa’ ir-raba’ talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u li din tigi likwidata u assenjata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti.”;

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, stante li din hija superfluwa;

[6] tilqa' is-sitt talba fis-sens li tapplika fl-intier tieghu d-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront taz-zewg partijiet.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn iz-zewg partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------